**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lara Butters)**

**vs**

**Almiri Samir**

**Kumpilazzjoni numru 292/2016**

**Illum 17 ta' Gunju, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Almiri Samir** detentur tal-karta tal-identita' numru 142003 (A) billi huwa akkuzat:

1. Talli fl-1 ta' Gunju 2016 ghall-habta ta' 19:00 hrs gewwa Triq it-Torri, Tas-Sliema, ikkommetta serq ta' basket u diversi oggetti minn gewwa vettura BCA 442 ta' ghamla Toyota Vitz li hu aggravat bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u anke bil-valur li jaccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda inqas minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) li sar ghad-detriment ta' Isis Grech detentrici tal-karta t'identita numru 93784(M);
2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli liema hsara tammonta ghal €25 fuq hgiega ta' vettura b'numru tar-registrazzjoni BCA

442 ta' ghamla Toyota Vitz ghad-detriment t'Isis Grech detentrici tal-karta tal-identita numru 93784(M);

3. U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' u bil-ponta (sikkina) minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizia;
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi wara li huwa kien gie kkundannat f'Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni, instab fil-pussess tieghu diversi ghoddod jew oggetti ohra li ma kienux tal-kondizzjoni tieghu u ma setax jaghti kont sodisfacenti ta' kif kienu gew legittimament ghandu;
5. Talli fil-31 ta' Mejju 2016 gewwa Triq Birzeggubia, Birzebbugia f'xi hin filghodu, ikkommetta serq ta' mobile ghamla Samsung ta' kulur abjar minn gewwa vettura BBM 849 ta' ghamla Toyota Starlet li hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u anki bil-valur li jaccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda inqas minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-detriment ta' Lucienne Azzopardi detentrici tal-karta tal-identita numru 193370(M);
6. U aktar talli f'dawn il-gzejjer, fix-xhur li ghaddew, laqa' ghandu, jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indahal biex ibieghom jew imexxihom;
7. Akkuat ukoll talli rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti li issa saru definittivi u ma jistghux jinbidlu ai termini ta' Artikoli 49 u 50, 289 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tallum is-17 ta' Gunju , 2016 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti

wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni finali dwar il-piena da parte tal-Ufficcjal Prosekutur l-Ispettur Lara Butters u da parte ta' Dr. Fransine Abela ghall-imputat.

Sar qbil bejn il-partijiet dwar il-parametri li ghandha timxi maghhom il-Qorti.

**Decide:**

ll-Qorti ghal dawn il-mottivi wara li rat l-Artikoli 261(b)(c)(g), Art. 263(a), Art. 267, Art. 271(g), Art. 278(3), Art. 279, Art. 280(2), Art. 281(a), Art. 287, Art. 325(c), Art. 334, Art. 533, Art. 579(2)(3), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Art. 6 tal-Kap. 480 tal-Att dwar l-Armi, ssib lill- imputat Samir Almiri hati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tieghu u tikkundannah għall- perjodu ta' tmientax (18) -il xahar priġunerija.

Il-Qorti tordna l-konfiska tas-sikkina, breaker u turnavit esebiti bhala Dok JBX1 nhar l-ghaxra (10) ta' Gunju 2016.

Il-Qorti tordna li z-zmien li hati ghamel f'arrest preventiv jitnaqqas minn din is-sentenza.

Fl-ahharnett il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin biex jirreferi lill-imputat sabiex jigi ezaminat minn psikjatra u jekk ikun hemm il-htiega jinghata l-kura mehtiega.

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**

**Margaret De Battista**
**Deputat Registratur**